

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-17 ta' Marzu 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tad-Debreceeni Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság – l-Ungerija – Shiraz Baig Mirza vs Bevándorlási és Állampolgársági Hivatal

(Kawża C-695/15 PPU) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari — Regolament (UE) Nru 604/2013 — Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li jikkunsidra applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali — Artikolu 3(3) — Dritt tal-Istati Membri li jibgħatu applikant lejn pajjiż terz sigur — Artikolu 18 — Obbligi tal-Istat Membru responsabbli li jeżamina l-applikazzjoni f'każ ta' teħid lura tal-applikant — Direttiva 2013/32/UE — Proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali — Eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali)

(2016/C 156/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Debreceeni Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Shiraz Baig Mirza

Konvenuti: Bevándorlási és Állampolgársági Hivatal

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt li jintbagħat applikant għal protezzjoni internazzjonali lejn pajjiż terz sigur jista' wkoll jiġi eżerċitat minn Stat Membru wara li dan tal-aħħar ikun aċċetta r-responsabbiltà, b'applikazzjoni ta' dan ir-regolament u fil-kuntest tal-proċedura ta' teħid lura, tal-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn applikant li telaq minn dan l-Istat Membru qabel ma tkun ittiegħet deċiżjoni fuq il-mertu dwar l-ewwel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiegħu.
- 2) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament Nru 604/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li applikant għal protezzjoni internazzjonali jintbagħat lejn pajjiż terz sigur, meta l-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment tal-imsemmi applikant lejn l-Istat Membru responsabbli ma jkunx ġie informat, matul il-proċedura ta' teħid lura, la bil-leġiżlazzjoni ta' dan l-aħħar Stat Membru dwar it-trasferiment tal-applikanti lejn pajjiżi terzi siguri u lanqas dwar il-prattika tal-awtoritajiet kompetenti tiegħu f'dan il-qasam.
- 3) L-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 604/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'każ ta' teħid lura ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali, dan ma jimponix li l-proċedura ta' eżami tal-applikazzjoni tiegħu tkompli mill-istadju li fih tkun ġiet interrotta.

⁽¹⁾ ĠU C 90, 07.03.2016.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kuria (l-Ungerija) fit-18 ta' Jannar 2016 – Magyar Villamos Művek Zrt. (MVM) vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

(Kawża C-28/16)

(2016/C 156/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Kuria

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Magyar Villamos Művek Zrt. (MVM)

Konvenut: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

Domandi preliminari

- 1) Kumpannija holding li hija attiva fil-ġestjoni ta' ċerti attivitajiet tas-sussidjarji u tal-grupp ta' kumpanniji kollu kemm hu, iżda li ma tgħaddix fuq is-sussidjarji la l-prezz imħallas għas-servizzi li hija użat fil-kuntest tal-attività ta' kumpannija holding attiva tagħha u lanqas il-VAT fuq l-imsemmija servizzi, hija persuna taxxabblu suġġetta għall-VAT fir-rigward ta' dawn is-servizzi?
- 2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv, tista' l-kumpannija holding attiva, u, fl-affermattiv, b'liema mod, teżerċita d-dritt tagħha għat-tnaqqis tal-VAT relatata mas-servizzi użati minnha f'relazzjoni diretta mal-attività ekonomika suġġetta għall-VAT ta' kull sussidjarja?
- 3) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv, tista' l-kumpannija holding attiva, u, fl-affermattiv, b'liema mod, teżerċita d-dritt tagħha għat-tnaqqis tal-VAT relatata mas-servizzi użati fl-interessi tal-grupp kollu ta' kumpanniji?
- 4) Għandhom jinbidlu, u, fl-affermattiv, sa fejn, ir-risposti għad-domandi preċedenti meta l-kumpannija holding attiva titlob, min-naħa tagħha, ħlas mingħand is-sussidjarji għas-servizzi użati inkwistjoni bħala servizzi intermedjarji?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Ordinario di Venezia (l-Italja) fid-29 ta' Jannar 2016 – Vinyls Italia SpA, fi stralċ vs Mediterranea di Navigazione SpA

(Kawża C-54/16)

(2016/C 156/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Ordinario di Venezia

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vinyls Italia SpA, fi stralċ

Konvenuta: Mediterranea di Navigazione SpA

Domandi preliminari

- 1) Il-“prova” li l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1346/2000⁽¹⁾ iquieghed fuq min ibbenefika minn att li jikkawża preġudizzju lill-massa tal-kredituri, sabiex jikkontesta t-talba għal annullament ta' dan l-att skont id-dispożizzjonijiet tal-*lex fori concursus*, tikkomporta l-oneru li titqajjem eċċezzjoni proċedurali fis-sens strett tat-termi ffissati mil-liġi proċedurali tas-sistema legali, li titlob l-adozzjoni tal-klawżola ta' eżenzjoni stabbilita mir-Regolament u li ttipprova li jiġu sodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet meħtieġa mill-istess dispożizzjoni?

jew

l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1346/2000 għandu japplika meta l-parti kkonċernata tkun talbet l-applikazzjoni tiegħu fil-mori tal-kawża, anki lillinn mit-termi ffissati mil-liġi proċedurali tas-sistema legali għall-eċċezzjonijiet proċedurali, jew jista' japplika wkoll *ex officio*, bil-kundizzjoni li l-parti kkonċernata tipproduċi l-prova li l-att li jikkawża preġudizzju huwa suġġett għal-*lex causae* ta' Stat Membru ieħor li l-liġi tiegħu ma tippermetti bl-ebda mod li jintalab l-annullament ta' att fil-każ inkwistjoni?